# IL-QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Mejju 2009 — Wieland-Werke vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-116/04)** [1]

*("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tat-tubi industrijali tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-swieq — Multi — Prinċipju ta' legalità tal-penali — Daqs tas-suq ikkonċernat — Effett dissważiv — Dewmien tal-ksur — Kooperazzjoni")*

(2009/C 153/60)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Wieland-Werke AG (Ulm, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Bechtold u U. Soltész, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropew (rappreżentanti: inizjalment É. Gippini Fournier u H. Gading, sussegwentement É. Gippini Fournier, O. Weber u K. Mojzesowicz, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti skont l-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2003) 4820 finali, tas-16 ta' Diċembru 2003, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.240 — Tubi industrijali).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Wieland-Werke AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 118, 30.4.2004.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Mejju 2009 — Outokumpu u Luvata vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-122/04)** [1]

*(Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tat-tubi industrijali tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-swieq — Multi — Daqs tas-suq ikkonċernat — Ċirkustanzi aggravanti — Ksur ripetut)*

(2009/C 153/61)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Outokumpu Oyj (Espoo, il-Finlandja); u Luvata Oy, li qabel kienet Outokumpu Copper Products Oy (Espoo) (rappreżentanti: J. Ratliff, barrister, F. Distefano u J. Luostarinen, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: É. Gippini Fournier, aġent)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti skont l-Artikolu 2(b) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 4820 finali tas-16 ta' Diċembru 2003 dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.240 — Tubi industrijali) u, min-naħa l-oħra kontrotalba tal-Kummissjoni intiża għaż-żieda tal-ammont tal-imsemmija multa.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Outokumpu Oyj u Luvata Oy huma kkundannati għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 118, 30.4.2004.